# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 11/2024

**Data tal-laqgħa:** 15 ta' Jannar, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



MZ FD

# MINUTI

## 11.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

10.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-apoloġija tas-Sindku s-Sur Matthew Agius li kien assenti għal-laqgħa għax kien ma jiflaħx. Fejn ippreżenta ukoll ċertifikat.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 10

11.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 10 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mil- mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, li kienet issekondata mil-Kunsiller Joseph Scembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana qalet li l-Kunsill irċieva kkomunikat mil-kunsill taż-Żurrieq li talbu għal kiri ta' gazebo. Il-Kunsill qabel li dan jingħata b'xejn iżda jekk isir xi ħsara mil-Kunsill li qed jagħmel użu minnu dan jagħmle tajjeb għall-ħsara li ssir.

11.3.2 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana kellha komunikat ieħor mill-Kunsill taż-Żurrieq fejn talbu biex jinkera għal sitt ġimgħat wieħed mill-billboards li hemm fejn ir-roundabout. Il-Kunsill aċċetta li dan isir bil-ħlas ta' €150.

11.3.3 Il-Kunsill irċieva komunikat mill-iskola medja ta' Ħal Kirkop fejn talab jekk hemm xi xogħol li jista' jsir min-naħa tal-istudenti taħt forma ta' xogħol volontarju. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-ħaddiema biex jaraw xi xogħol li jista' jsir u wara jsir komunikat mal-iskola.



ML FP

11.3.4 Komunikat ieħor li wasal kien rigward is-siġra li qiegħda tkun ta' ostaklu għall- AFM. Wara diversi taħdidit u li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex ineħħuha din issa waqgħet f'idejhom biex ikun jistgħu jneħħuha.

11.3.5 Kommunikat ieħor rigward siġra li qed tagħmel il-ħsara ġewwa residenza issa wasal fi stat li qed jiċċekjaw l-entitajiet ikkonċernati bħal enemalta, water services biex jaraw li m'hemm l-ebda servizz li qiegħed magħha; biex b'hekk tkun tista' tipproċedi bil-qtugħ tagħha.

## 11.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

11. 4.1 Il-Kunsillera Sa. Ritienne Abela saqsiet f'hiex kien wasal l-proċess tas-Sinjura li għandha l-bankina bir-rampa. Wara li dan il-każ ġie diskuss ma' entitajiet differenti ħallewna mingħajr risposta. Ħa jerġa' jsir kommunikat mal-entitajiet.

11.4.2 Il-Kunsillera Sa. Loranna Bonnici saqsiet f'hiex kien wasal il-kommunikat ħabba evening classes; u ġiet infurmata li ħa ssir laqgħa mal-president tar-reġjun biex jinfurmawna iktar fid-dettall x'jirrikjedu.

## 11.5 IrkottaFest

11.5.1 Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa speċifka fejn jiġi diskuss dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Irkottafest. Il-laqgħa ħa ssir il-25 ta' Jannar, fid-9.00 am ġewwa l-Kunsill ta' Ħal Kirkop.

## 11.6 Appraisal tal-istaff

11.6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill

11.6.2 Il-Kunsill qabel mal-kontenut ta' dawn l-*appraisals* u għaldaqstant il-kunsilliera Loranna Bonnici resqet mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dawn l-appraisals jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-appraisal. Liema mozzjoni ġiet issekondata mil-Viċi Sindku Benice Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsillera kollha preżenti.



PD

m2

11.6.3 Il-viċi Sindku Bernice Caruana reset quddeim il-Kunisll il-Performnce Appraisal tas-Segretarju Eżekutti preżenti kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti.

11.6.4 Il-Kunsillera preżenti qablu mal-kontenut ta' dan *l-appraisal* u għaldawstant il-kunsillier Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-perfromance bonus marbut ma' dawn l-appraisals jiġu approvat ir-rata mniżżla fuq l-appraisal, liema mozzjoni ġiet issekondata mil-kunsillera Ritienne Caruana. (Peress li s-sindku ma kienx preżenti bagħat kommunikazzjoni b'email , fejn irċieva risposta mil-kunsilliera b'maġġoranza li qablu– imejl anness ma' dawn il-minuti.

## 11.7 Streetlightning

11.7.1 Dan is-suġġett ma ġiex diskuss il għaliex is-Sindku ma kienx preżenti. Ħa jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 11.8. Walkathon u Maratona

11.8.1 Il-Kunsiliera Loranna Bonnici resqet rikjesta biex issir maratona ta' 5k madwar Ħal-Kirkop. Ikun avveniment fejn jippromwovi bennesere ta' mixi kif ukoll jinġabru l-flus għal xi NGO.

11.8.2 Fuq dan kien hemm qbil unanimu mil-Kunsill li dan iseħħ. Kienet proposta d-data tat-30 ta' Marzu. Li jsiru t-shirts u jkun hemm ħlas ta' €10; kif ukoll li l-finish line ikun fejn il-Kunsill.

## 11.9 Laqgħa addizzjonali rigward proġġett f'Ħal Kirkop

11.9.1 Hawnhekk il-laqgħa ġiet sospiża (ħin - 18.00) il-għaliex kien hemm rappreżentant li ried iwassal kommunikat lill-Kunsill fuq proġġett li ħa jsir fl-inħawi.

## 11.10 Rapport tal-ilmenti

11.10.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet lment minn resident li għalkemm hemm il-yellow lines fejn il-garaxx, xorta qed jipparkjaw. Min-naħa tal-Kunsill ma' jista' jsir xejn iżda r-resident jista' jċempel lill-wardens biex iħarku min ikun qiegħed ipparkjat ħazin.



mz FP

## 11.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

11.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 159 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

11.11.2 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana resqet mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 158 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Loranna Bonniċi, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 11.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

11.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 12 ta' Frar, 2025 fil-17:00hrs.

11.12.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.00.



mc

BC

**Mozzjoni Ref:** 29/25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 158 tiġi approvata.

**Proponent**
Bernice Caruana

**Sekondant**
Loranna Bonniċi

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**



MZ FD

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 30/25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 10

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Bernice Caruana | Joseph Schembri |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 15 ta' Jannar, 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**



MZ FD

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

Mozzjoni Ref: 31 /25 /10

Mozzjoni:

Biex il-*performance* bonus marbut mal-*appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*

B. Caruana

Proponent
Bernice Caruana

Sekondant
Loranna Bonniċi

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

mr

PD

**Mozzjoni Ref:** 32 /25 /10

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance* bonus marbut mal-*appraisal* tas-Impjegati tal-Kunsill jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonniċi

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Jannar, 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

ml FP